**19 ta' Lulju, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Vivian S. Bianchi *noe*

*versus*

Edward Sullivan *et noe*

## Noll – *Dead Freight* – Trasport ta' Merkanzija "*Sopra Coperta*"

*L-attur fittex għal danni minħabba ħsara fil-merkanzija.*

*Il-Qorti sabet illi l-atturi kienu jafu bid-diffikultajiet involuti minħabba l-istat tal-merkanzija meta tgħabbiet u diffikultajiet tal-ġarr tagħha. Ġew miċħuda t-talbiet attriċi.*

F'din il-kawża fit-8 ta' Mejju 1979, din il-Qorti diversament presjeduta:

Tat id-deċiżjoni tagħha, illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju lil Edward Sullivan u Henry Sullivan bħala diretturi in rapprresentanza ta' *Sullivan & Sullivan Limited* – mentri l-leġittimu kuntradittur – jew ajar, il-leġittimu kontradittur ta' l-azzjoni attriċi kellha tkun dik is-soċjetà – *Sullivan & Sullivan Limited* bħala aġent u in rappresentanza ta' l-armaturi tal-*Motor Vessel AENARIA;*

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April 1988, irrevokat dik is-sentenza. Ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine* u bagħtet lura l-atti tal-proċess lil din il-Qorti biex il-kawża tkompli;

Kemm l-att ta' ċitazzjoni kif ukoll l-eċċezzjonijiet huma riportati f'dawk is-sentenzi u għalhekk m'humiex se jiġu ripetuti;

Eżaminat il-proċess u speċjalment in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti waslet għal dawn il-konsiderazzjonijiet;

(a) In-nota ta' sottomissjonijiet jittrattaw fit-tul rigward

il-vesti proprja tas-soċjetà konvenuta fil-kawża. Il-Qorti ħadet l-impressjoni li – naturalment minħabba ż-żmien li għadda – iż-żewġ partijiet sfuġġilhom il-fatt li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine*. Din kienet redatta hekk:

"Is-soċjetà attriċi m'hix il-proprjetarja tal-vapur *"Aenaria"* u kienet qiegħda taġixxi bħala aġenti tas-sidien ta' l-istess vapur";

Iċ-ċaħda ta' din l-eċċezzjoni, naturalment, ma tfissirx li s-soċjetà attriċi kienet il-proprjetarja tal-vapur, imma li ma kinitx qed taġixxi bħala aġenti ta' ħaddieħor u qed taġixxi "de *proprio*";

Għalhekk dak kollu li hemm fin-nota fir-rigward huwa inutli għaliex dan il-punt la darba deċiż jagħmel stat għażżewġ partijiet;

Il-kontroversja b'hekk ġiet ristretta għal żewġ kweżiti – Kienx hemm kuntratt ta' noleġġ u, jekk kien hemm, kinitx ġustifikata s-soċjetà konvenuta li ma tesegwihx;

Fuq l-ewwel kwesit, il-konvenut Edward Sullivan xehed hekk:

Darba rċevejt telefonata mis-Sur Spiteri tas-soċjetà attriċi u qalli li kellu xogħol għal Oran u biex jara nwassluhulux sa hemm. Dak iż-żmien kelli vapur – *AENARIA* u vverifikajt jekk kellux spazju biex nieħduh u **għidtlu iva u ftehmna fuq il-*freight*** u l-attur kellu jieħu ħsieb iġibli x-xogħol *"alongside"* biex ngħabbih";

Il-Qorti ma tifhimx kif fuq dan il-kliem, ċar, univoku u

preċiż – u x-xiehda tkompli telenka modalitajiet oħra – seta' kien hemm lok għal dawk id-diskwissizzjonijiet kollha – fuq jekk kienx hemm jew le ftehim. U din ix-xiehda ngħatat fis-seduta tas-16 ta' Mejju 1977;

L-uniku punt verament kontenzjuż huwa l-aħħar wieħed – kinitx jew le ġustifikata – is-soċjetà konvenuta li ma tgħabbix il-merkanzija u b'hekk ma tonorax il-ftehim;

Il-merkanzija tnizzlet minn fuq il-vapur *WALLENFELS* – skond it-*tally sheets* a fol. 74 u 75 esibiti mill-attur *nomine* – **fis-16 u 17 ta' Jannar 1976;**

Tpoġġiet f'ċisterni u baqgħet hemm almenu sas-26 ta' Jannar 1976 – li hija d-data li għandhom iż-żewġ "*shipping orders*" li ħarġet is-soċjetà konvenuta – fol. 4 u 5;

Mill-kopji tal-gazzetti esibiti fol. 93 – 100 – is-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' Jannar għamlet xita qawwija – ċjoè 1.53 pulzieri f'Ħal-Luqa – li waqfet ukoll l-attivitajiet portivi;

Meta l-merkanzija marret mal-vapur biex titgħabba l-Kaptan irrifjuta li jgħabbiha għaliex kienet avarjata – speċjalment billi kienet imxarba u l-merkanzija kienet f'forma ta' trab – *Henna Powder.* Huwa veru li r-rappreżentant tas-soċjetà attriċi qal illi wieħed mill-konvenuti qallu li l-Kaptan ma kellux post fl-istiva u ried jgħabbiha fuq il-gverta, waqt li Edward Sullivan jgħid li l-Kaptan ma riedx jgħabbiha fl-istiva għaliex kienet imxarrba – imma jibqa' l-fatt illi l-Kaptan ma riedx jgħabbi l-merkanzija u n-nuqqas ta' konkordanza qiegħda fil-motivazzjoni ta' dak ir-rifjut u mhux ir-rifjut bħala tali;

Mill-ġabra tal-provi l-Qorti ffurmat l-opinjoni li r-rifjut kien dovut għall-ħsara li kellha l-merkanzija – prinċipalment għaliex kienet ixxarbet. Il-Kaptan ried iġorrha *"on deck"* u l-mument deċiżiv – fil-fehma tal-Qorti – jixhed tajjeb fuqu Anthony Spiteri:

"Jiena dejjem tkellimt ma' Eddie Sullivan u allura ċempiltlu dak il-ħin (ċjoè meta sar jaf mir-raġel tagħhom li l-Kaptan ma kienx se jgħabbi) u żammejtu responsabbli jekk ma jgħabbix il-merkanzija. Waqt din il-konversazzjoni staqsieni jekk riedx li jieħu l-merkanzija *on deck* – (li turi li l-kwistjoni ma kinitx ta' spazju) u jiena weġibtu li t-tip ta' merkanzija li kienet, jekk huwa ried jieħu r-responsabbilità huwa, li jġorrha *on deck*, jeħodha. Dan it-tip ta' merkanzija ma tinżamx *on deck* għax hija *powder*. Jiena ma qbadtx u għidtlu biex ma jġorrhiex *on deck* **u ħallejtha f'idejh u għidtlu li jġorrha għar-riskju tiegħu, għaliex kieku għidtlu biex ma jġorrhiex kont inkun responsabbli biex inħallas id-*dead freight*";**

Minn dan il-kliem il-Qorti ddeduċiet illi, **fiż-żmien rilevanti,** Spiteri kien jaf bir-rifjut tal-Kaptan, kien jaf ir-raġuni ta' dak ir-rifjut, kien jaf illi dak ir-rifjut kien rigward it-trasport fl-istiva u ma riedx li l-merkanzija tiġi trasportata *"sopra coperta"* però ma kienx lest li jgħid li ma jridx, biex id-danni eventwali – u inevitabbli minħabba n-natura tal-merkanzija – ibatuhom il-konvenuti u billi jekk jirrifjuta l-kunsens u l-merkanzija – għalhekk ma tinġarrx – huwa jkollu jħallas dik il-parti tan-noll li jsejħulha – *"dead freight"*;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti (a) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u (b) takkolji t-tielet eċċezzjoni u konsegwentement tiċħad it-talba attriċi inkwantu l-konvenuti

*nomine* fiċ-ċirkostanzi, kienu ġustifikati li ma jgħabbux il-merkanzija avarjata *"sotto coperta"*;

L-ispejjeż – barra dawk deċiżi – għal dawk li jirrigwardaw it-tieni eċċezzjoni għall-konvenuti *nomine* u dawk tat-tielet eċċezzjoni għas-soċjetà attriċi.